Il-Pakl Malti barra minn Malta

Ta' Ivo Muscat-Azzopardi

Fl *Il-Malti* ta' Ġunju 1946, bħala konsegwenza tal-Konkors Tijatrali mniedi mill-Għaqda Maltija "Bajda u Ħamra" li tagħha hu l-Fundatur u Segretarju l-ħabrieki Nikol Biancardi—li għal dan li għamel jistħoqqlu ġieh u foħrija—deħru xi artikoli fuq il-Palk Malti.

Jien inħoss li dak il-ktejjeb ma jistax jissejjaħ sħiħ sakemm ma jidherx fih is-sehem li ħadu l-Maltin ta' barra u l-mixi 'l quddiem tagħhom f'dan il-qasam tal-letteratura u propaganda Maltija. Għidt ukoll propaganda għax fil-waqt li f'Malta l-Palk Malti, barra milli għall-ġieh tal-palk, jiswa ħafna għal-letteratura ta' l-Ilsien Malti, barra minn Malta jiswa aktar għall-propaganda Maltija milli għal-letteratura tagħna. U l-akbar prova hija li fil-waqt li f'Malta kien hemm żminijiet li l-Maltin kienu jħobbu jirreċtaw u ħadmu għas-sengħa tal-palk mingħajr ma qagħdu jfittxu l-kustjoni ta' l-Ilsien—bħallikieku l-"Les Amateurs" ta' San Ġiljan li waqqfet il-ħidma tagħha fl-1940 u l-"Goldoni" li kellha tieqaf imħabba fil-gwerra, u oħrajn li kienu jagħtu reċti bl-Ingliż, u wkoll oħrajn li bħalissa ma niftakarx isimhom li kienu jagħtu reċti bit-Taljan u/jew bl-Ingliż—barra minn Malta qatt ma twaqqfet Kumpannija Maltija li tat reċti "mhux bil-Malti" għal-kemm fost l-imseħbin f'kumpannijiet ta' Barranin kien hemm dejjem xi Maltin li individwalment kieu jirreċtaw ma' dawn bil-Franċiż, Ingliż u Taljan u kienu miżmumin bħala dilettanti mill-aħjar.

Għal min ma jafx, l-Eġittu jgħodd xi 18-il miljun ruħ imqassmin f'ħafna bliet u mijiet ta' rħula, imma l-Maltin igħammru biss fl-erbat ibliet ewlenija, jiġifieri Kajr (li tgħodd maż-żewġ miljuni), Lixandra (kważi miljun), Port Said u Swejz. Fil-Kajr hemm xi 2,500 Malti, f'Lixandra mas-7,000, f'Port Said 1,800 u s-Swejz mas-700. U biex nuru kemm il-Maltin, ikunu fejn ikunu, iħobbu l-Palk Malti nixtieqʼu ngħidu li saħansitra fis-Swejz irnexxielhom iwaqqfu kumpannijiet fildorammatiki. Tistgħu taħsbu mela x'diffikultà kienu jinsabu fiha dawk is-sebgħa mitt Malti li meta tneħħi minnhom it-tfal jibqgħu biss minnhom xi tliet mija li bihom trid timla' t-Tijatru.

Dan il-paragrafu daħħaltu biex nuri l-Maltin ta' barra li żammew ħajja din l-Arti Maltija fosthom, jistħoqqilhom ġieh kbir.

Ħaġa li ta' min isemmi wkoll hija li fil-waqt li f'Malta l-ħtieġa ta' dawn ir-reċti tinħass biss biex jogħla l-Palk Malti u l-Letteratura Maltija, barra minn Malta wieħed iħoss soddisfazzjoni kbir meta jsib ruħu miġbur f'Tijatru, taħt saqaf wieħed, fejn tkun qed issir xi reċta bil-Malti għax iħoss ruħu li ħutu, imxerrdin fil-ħajja ta' kuljum fost l-eluf il-kbar ta' Barranin—bħala turija nieħdu Lixandra li 7,000 Malti qed jgħixu fost popolazzjoni ta' miljun ruħ— f'waqt ir-reċti, bis-saħħa ta' "Ilsien il-Gżira" madwaru ma għandux ħlief Maltin u jħoss ruħu bis-sħiħ li jagħmel sehem minn Nazzjon għaliha, u permezz ta' l-Ilsien Malti **biss l-individwalità** tagħna tiġi ippruvata l-aħjar.

Jiena, nieħu bħala turija l-Eġittu, naħseb li din il-ħtieġa tattwaqqif ta' Kumpannijiet Filodrammatiki nħasset f'kull belt fejn jinsabu jgħammru xi Maltin, imma mhix ħaġa ħafifa li wieħed isib dettalji tagħhom. Naf iżda li f'Detroit kienet teżisti l-"Maltese Dramatic Society" li darba kienu talbuni s-sensja biex jirreċtaw il-buzzett tiegħi *L-Akbar Imħabba* li kien sar b'suċċess, u fit-Tuniżija kien hemm kumpannija oħra u li fil-"Melita" ta' Susa deher maqlub għall-Franċiż il-buzzett tiegħi li għadni kif semmejt (dan sar permezz tal-magħruf rumanzier Franċiż, imma ta' nisel Malti, Laurent Ropa, u jien żgur li dan għamlu biex igħolli mhux lili persunalment imma biex juri lill-Barranin li l-Maltin għandhom Ilsien għalihom u kittieba tal-Palk).

Għal dak li huwa Palk Malti fl-Eġittu iżda nista' nagħti ħjiel biżżejjed sħiħ għax hemm għext għal 27 sena u għamilt mill-aħjar għal din ix-xorta ta' delizzju. Darba rnexxieli wkoll nagħti dramm ta' Giacinto Tua bit-Taljan u dan għamiltu biex nuri lill-Barranin li għandna kittieba Maltin li jiktbu għall-Palk, ukoll b'ilsna oħra, b'suċċess kbir. Kienet l-okkażjoni meta r-"Ricreativa Italiana" fid-19.9.26 tat fit-Tijatru ta' l-"Ex Union Francaise" il-buzzett *L'Ora che uccide* ta' Tua.

Mela nibdew mill-KAJR fejn ħjiel ta' erbgħin sena ħidma stajt niġbru fil-qosor permezz tal-ħabib tiegħi Fredu Nicholas, li huwa wkoll raġa' lura Malta għal kollox. Dan il-ħabib tal-Palk Malti u ta' l-Ilsien Malti, barra illi fi żmienu kien dilettant mill-aħjar, huwa wkoll kittieb tal-Palk u ma' tul 40 sena sħaħ qatt ma naqas li jagħti xi ħaġa għall-kburija tal-Palk Malti barra minn Malta.

Kiteb ħafna drammi u kummiedji, oriġinali jew maqlubin minn ilsna oħra, imma sa fejn naf jiena ebda waħda minnhom ma dehret stampata. Naħseb li t-tort mhux tiegħu imma tal-bruda tal-Maltin li ma jħobbux jixtru kotba bil-Malti u li mħab-ba dil-bruda tagħhom il-kittieba jaqtgħu qalbhom għax jibżgħu jidħlu għal dan ix-xogħol ta' tbigħ mhux għax ma jħallilhomx qligħ imma għax minn fuq li jkunu issagrifikaw ruħhom jiktbu u jaraw il-bozzi, jispiċċaw biex jitilfu l-flus.

L-aħħar xogħol ta' Nicholas huwa d-dramm storiku *Hannibal*, li temmu fl-1940. Hannibal, kif jingħad, huwa ta' nisel Malti. Mela Fredu Nicholas meta kitbu xtaq, barra milli jgħolli l-letteratura tagħna, juri wkoll xi kwalità ta' nies għarfet tagħti din in-nitfa ta' blata.

Tgħid għad narawh stampat dan id-dramm? Jew għallanqas muri fuq xi palk ta' Malta?

Fl-1910 il-Kumpannija "Mannarinu" mmexxija minn Perikles Cirigottis—brillant-di-sala mill-aktar simpatiċi—tat kors ta' reċti fis-Sala "Syndicas". Id-dilettanti, barra mill-Mexxej, kienu Ġużi Bonell, Franġisku Zahra, Toni Cachia, Frank De Barro, George J. Vella (li l-lum jinsab ukoll fostna għax raġa' lura Malta wara ħidma għaqlija ta' 40 sena sħaħ fl-Eġittu), u s-sinjurini Zarb. Aquilina u Peralta u xi oħrajn. Għall-ħabta tal-1915 twaqqfet filodrammatika oħra minn Ninu Minasi, Perikle Cirigottis u xi oħrajn u taw xi reċti fit-Tijatru "Georges Abiad", u fl-1915 twaqqfet dik li damet l-iżjed u li kienet iġġib l-isem ta' "Grupp Filodrammatku Malti tal-Kajr".

Dan il-Grupp kien organizzat sewwa bl-Istatut, Kumitat u Dilettanti. Bħala President kien laħaq Pawlu Debono, Viċi President A. Attard, Segretarju A. Nicholas, u Kaxxier Salvu Aquilina. Dilettanti kienu: F. Nicholas, P. Cirigottis, G. Bonell, Pawlu Gatt, Ġużi Camilleri, Durant Magri Overend. Frank De Barro, Toni Attard, Ġuże' Dimech, Ġanni Busuttil, Edgar Bonell, Bertu Baldakkin, Ċikku Zahra, Nikol Vella, Adolf Bartolo, Marċell Gauci. Manwel Borg, Wiliam Farrugia, Ġanni Bonell. Nisa: Sinjurini Ottavia Dimech, Ġemma Bajada, Erminja Bajada, Elvira Sant, u Sinjuri E. Rosso, E. Magri-Overend, M. Nicholas, E. Bonello, G. Cirigottis u S. Camilleri. Din il-Filodrammatika damet taħdem mill-1916 sal-1927 f'dawn it-Tijatri: Georges Abjad, Printania, Riche, Ezbekia, Jardin Faggala u oħrajn.

Barra dawn kien intrama wkoll tijatrin fil-Każin Malti fejn sar kors kbir ta' reċti. Il-produzzjonijiet fost l-oħrajn kienu *Ġammarija Cassia*, *Iż-Żewġ Surġenti*, *L-Irsir ta' San Domingo*, *Il-Halliel*, *Il-Maħrub mill-ħabs* (Morte Civile), *50,000 frank*, *Santarellina*, u ruxxmata ta' kummiedji u fares.

Wara l-1927 waqgħet bħal speċi ta' bruda u ma għandix f'idejja ħjiel ta' ħidma tijatrali. imma naf li fl-1932 patrijott ieħor, l-Inġinier Frans De Barro, fetaħ taqsima ta' *Scouts Maltin* f'Xubra u fost it-tagħlim ma nesiex idaħħal l-Ilsien Malti u waqqaf ukoll fost li *Scouts* Għaqda Filodrammatika li għamlet ġid bla tarf għall-propaganda ta' l-Ilsien Malti. Din il-Għaqda baqgħet ħajja għal xi snin li ma' tulhom ingħataw ħafna produzzjonijiet, ma għandna x'ingħidu xejn, addattati għall-okkażjoni, fosthom ħafna tas-Sur Fons Marija Galea.

Fl-1935, fit-Tijatru tac-"Circolo Antoniano", grupp ta' Maltin taw *In-Nannu Kieli*, maqlub mit-Taljan ta' Carlo Repossi minni. Dramm bla nisa imma jolqot ferm il-qalb. Rafel Saccasan bħala protagonista ingħoġob ħafna u kien megħjun minn Ercole Aquilina, Mikiel Saccasan, Karmnu Cremona, u oħrajn. Ma nistax ingħid jekk dan il-grupp tax xi reċti oħra.

Imbagħad reġgħet waqgħet il-bruda sakemm twaqqaf il-"Cairo Maltese Youth Association" li l-ewwel President tiegħu kien il-ħabrieki Kaptan (il-lum Maġġur) Albert J. Dimech M.C., li l-lum jinsab fostna. Dan il-grupp ta reċta fit-23.12.45 fejn saret farsa bil-Malti *Mejtin biċ-ċajt*, addattazzjoni ta' Fredu Nicholas, u ħadu sehem fiha, barra miż-żgħażagħ Maltin kajrotti, dilettanti xjuħ bħal Pawlinu Gatt u Ġużi Camilleri.

Ta' min isemmi—qabel ma nagħlaq il-ħidma tal-Maltin tal-Kajr għall-Palk Malti—li fl-10 ta' Lulju, 1925, il-"Gruppo Filodrammatico Maltese" fuq l-inizjativa ta' Fredu Nicholas, kiteb lill-Filodrammatiki Maltin kollha ta' l-Eġittu ta' dak iż-żmien biex—bil-ħsieb li jagħmel il-ħila lill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti li dak iż-żmien kienet għadha titwieled u magħrufa ftit ferm f'Malta nfisha—jaħtar lill-President tagħha, il-Kav. Ġuże' Muscat-Azzopardi, bħala President Onorarju tal-Filodrammatiki Maltin ta' l-Eġittu.

Dan il-ħsieb—wara xi korrispondenza bejn il-Għaqdiet Filodrammatiki—sata' jseħħ bl-akbar entużjażmu u fit-8 ta' Settembru 1925 (*Jum ir-Rebħa tal-Maltin*, kif Ġ.M.A. kiteb fl-ittra tie-

għu) Ġ.M.A. weġibhom u żżiehom ħajr ta' dan il-ġieħ kbir li riedu jagħmlu lilu u l-Ilsien Malti.

Dan għednieh l-aktar biex nuru li ċerti ħsibijiet sbieħ ġew **f'ras il-Maltin ta' barra** qabel ma ġew f'ras il-Maltin ta' Malta, u għal azzjonijiet bħal dawn il-Maltin ta' barra jistħoqqilhom l-akbar foħrija.

Issa, wara l-Kajr, se naqbżu qabża sa Port Said, f'dik il-belt fejn l-Ilsien Malti baqa' jgħix ħaj aktar minn f'kull belt oħra ta' l-Eġittu. F'PORT SAID ukoll għalhekk il-ħidma għall-Palk Malti ma naqset qatt u barra minn dilettanti mill-aħjar kien hemm ukoll min kiteb xi bċejjeċ oriġinali u qaleb għall-Malti oħrajn, fosthom E. C. Testa u F. G. Camilleri.

Fid-29 ta' Lulju, 1917, saret l-ewwel reċta bil-Malti fil-bitħa ta' l-Iskola tat-Terra Santa mis-Società Filodrammatica "La Croce di Malta". Saru *Is-Saħta tal-Missier* u *Bertu sar Taħib*. Direttur Ġuże' Cassar. L-entużjażmu dik il-ħabta kien kbir tassew u fi żmien *tmien* xhur saru xi *għaxar* reċti wara xulxin u t-tijatrin dejjem maħnuq bin-nies; ix-Xirka armat każin fit-triq tal-Kummerċ u bi President ingħażel wieħed mill-Fundaturi tagħha Ant. G. Said.

Wara din l-ewwel għaqda rmaw oħrajn (għax il-pika hija speċjalità tagħna, inkunu fejn inkunu) u dlonk bdew isiru Diretturi ġodda. Insemmu lil dawn: "L'Indipendenza" b'direttur Ch. Gingell u wara A. V. Farrugia; "La Giovine Malta", direttur P. V. Carbonaro; "Unione Artistica Maltese", b'Ġ. Borg; "Concordia" b'G. Cassar u wara A. V. Farrugia; "Sezione Filodrammatica della Filarmonica Iperia" b'A.V. Farrugia; "Hollywoodians", b'Saver Bosco, "Filodrammatika Maltija" b'Ċikku Camilleri, ecc., ecc.

Għalkemm jien ma naqbilx mal-ħsieb li kull ftit snin għandha tinħoloq Filodrammatika jew biex toqtol oħra jew għax ta' qabilha ma setgħetx timxi, għax dan juri debbulizza fit-tmexxija u s-sisien tagħhom, ma nistax niċħad, kif għidt iżjed 'il fuq, li dawn il-Għaqdiet dejjem sefgħu ta' ġid u għajnuna lill-Kolonja billi ngħataw reċti għall-benefiċenza u għal kull meta kien hemm xi bżonn ta' ġbir ta' flus.

Il-Festa Nazzjonali tat-8 ta' Settembru li fl-Eġittu kollu, f'kull żmien, issir b'entużjażmu u mħabba kbira għal pajjiżna, bdiet tara xi reċti għalkemm mhux dejjem xi bċejjeċ patrijottiċi.

F'dik ta' Port Said beda jsir dan mill-1918. Minn xi programmi li għandna f'idejna jidher li fil-Festa Nazzjonali ta' l-1932 il-Filodrammatika Maltija tat *Colin* ta' G.P. (farsa) u *Mastru Xmun* (farsa oħra). Nistqarru li f'okkażjonijiet bħal dawn il-fares mhuma xejn adattati imma dan aktarx kien isir għax ma kellhomx f'idejhom bċejjeċ oħra.

Għall-ħabta tal-1935 din il-Filodrammatika, taħt it-tmexxija ta' F. G. Camilleri, issaħħet bis-sħiħ u tat żewġ reċti (il-vodvill *Kontessa Amalfi*) bis-Sinjura Mary Borg bħala protagonista.

Wara dawn iż-żewġ reċti ndaħlet il-Komunità biex tiġbor flimkien il-F.M. u s-Sezzjoni Filodrammatika tal-Banda Iperia. Din il-għaqda ħadet l-isem ta' "Maltese Amateurs Light Theatrical Association" (M.A.L.T.A.) u sar Direttur tagħha A. V. Farrugia, li minn dejjem kien ħa sehem f'dan il-moviment tijatrali. L-ewwel reċta saret fil-Festa Nazzjonali ta' l-1936.

Is-sena ta' wara sar Direttur F. G. Camilleri u fil-Festa Nazzjonali taw *L-Akbar Imħabba* tiegħi u *Captain Pillow R.M.A.* farsa ta' M. A. Borg. Fl-1938 taw *Is-Saħħa tal-Mewt* (li wara ġiet imsemmija aħjar *Il-Għafja tal-Mewt*) maqluba minni minn *La Griffe* ta' Jean Sartene, u *Darbtejn insiru tfal*, ta' Giuseppe Xerri.

Ma' tul il-gwerra, sa fejn nafu aħna, saru *L'anticamera della morte*, maqluba għall-Malti minn F. G. Camilleri minn fuq it-Taljan ta' Giacinto Tua, u fl-1943 reċta organizzata minn "Il-Qawmien Malti" fit-Tijatru Britannia għall-Fondi tal-"Malta Relief Fund" meta taw *L-Avukat Difensur*, maqluba minn E. C. Testa, u *Dittaturi wara l-gwerra*, sketch ta' Walter Zahra.

Fis-SWEJZ għalkemm, kif ġa għidna, il-Maltin huma Kolonja ċkejkna ta' xi 700 ruħ, il-ħidma għat-Tijatru Malti qatt ma naqset u għalkemm mhux kontinwament is-sehem tagħhom dejjem tawh.

Xi snin qabel l-1925 kellhom il-Filodrammatika "La Giovine Malta" b'Direttur tagħha Alfred Ruggier. Fl-1925 dan il-Grupp ingħaqad mal-Komunità tas-Swejz u saret sezzjoni tagħha, u għalkemm, għandi naħseb għallinqas, li taw xi reċti, ma għandix f'idejja programmi biex nista' nsemmi l-bċejjeċ u l-kittieba tagħhom u lanqas id-dilettanti. Naf, iżda, li fil-5 ta' Ġunju, 1938, saret reċta fit-Tijatru tal-Komunità u taw *L-Għafja tal-Mewt* tiegħi (*producer* C. Saliba), u *Carlo Scroccone, testiera parlante*

farsa, (*producer* P. Farrugia). Ħadu sehem C. Saliba, E. Mallia, P. Farrugia, J. Giosserano, D. Scerri, G. Caruana u s-Sinjura A. Saliba.

Fit-8 ta' Settembru, 1942, saret reċta oħra; din id-darba organizzata mis-Suldati tal-R.M.A. li dik il-ħabta kienu stazzjonati xi mkien qrib is-Swejz. Taw *L-Akbar Imħabba* tiegħi, u *Il-ħtija tas-seftur*. Ħadu sehem Gunners Attard, Vassallo, Catania, L./Bdr. Zahra u s-Sinjura Dolly Daniels.

LIXANDRA hija l-belt li għext fiha 27 sena sħaħ u għalhekk imxejt pass pass ma' kull taħrika tagħha soċjali; imma f'dan l-artikolu se nsemmi biss il-*ħidma tijatrali*.

F'Settembru ta' l-1919 wasalt f'din il-Belt u f'Novembru ta' l-istess sena, ma nafx kif, sibt ruħi Segretarju ta' "L'Indipendenza", li tagħha kien President George B. Naudi. L-Istatuti ġew kostitwiti uffiċjalment fl-1920.

Dak iż-żmien kienet teżisti wkoll kumpannija oħra "Unione Artistica Maltese" li tagħha kien President Carmelo Baldacchino, u li kienet twaqqfet fl-10 ta' Marzu, 1918.

Ir-reċti kienu jsiru bil-Malti imma l-korrispondenza bit-Taljan; kif ukoll il-programmi. Kien dak iż-żmien meta f'Malta nfisha wkoll ftit wisq kienu dawk li kienu jużaw il-Malti bħala *Ilsien il-Gżira*. Bosta kienu jaħsbu li l-Malti jiswa biss biex nitkellmu bih imma le biex niktbuh. Ir-raġuni jafha kulħadd. Propaganda qawwija u ta' bla ħaqq kontra l-Malti bħala Ilsien Miktub.

Il-kumpannija "L'Indipendenza", jekk niftakar sewwa, wara li telqu minnha tnejn mill-aħjar dilettanti tagħha għalqet jew aħjar, qaflet il-bibien tagħha fl-1921, għax il-Mexxejja tagħha ħassew li ma kienx hemm lok għal żewġ filodrammatiki.

Bħala President ta' l-"Unione Artistica Maltese" (li minnha kienu jagħmlu sehem dilettanti ta' isem bħal Ġużeppi Borg u Marċell Gauci—li qabel kienu jagħmlu sehem mill-"Indipendenza"—u Karlotta Fabri) laħaq wara Ġużè' Zammit u warajh jien.

It-taqbida għat-tqegħid f'imkienu ta' l-Ilsien Malti issa kienet bdiet u l-programmi bdew jidħru miktubin bil-Malti tal-Għaqda (1925); imma ġara li l-kumpannija, fost il-ħafna dilettanti tagħha, kellha wkoll xi wħud li kienu jgħoddu ruħhom bħala professjonisti, f'kelma waħda kull darba li jirreċtaw kienu jippretendu li għandhom jitħallsu, u għalhekk l-ispejjeż kienu għelbu d-dħul u fl-1925 l-"Unione Artistica Maltese" wkoll għalqet il-bibien tagħha.

Niftakru wisq tajjeb li fl-aħħar snin tagħha kienu nfirdu minnha xi dilettanti li waqqfu għaqda oħra taħt l-isem ta' "Valletta" jew "La Valette", u ġara, għalhekk, li la l-waħda u anqas l-oħra ma setgħu jimxu 'l quddiem u l-qawl Ingliż "....divided we fall" għamel tiegħu.

Imma d-dilettant Malti ma jistax igħix mingħajr ma jirreċta, u ġara għalhekk li xi Maltin bdew jieħdu sehem, individwalment, mal-Kumpannija tal-"Gioventù Antoniana" li kienet tagħti reċti bit-Taljan, bla nisa; u aktar ma ż-żmien beda jgħaddi aktar bdew iħossu l-ħtieġa li jerġgħu jagħtu xi reċta bil-Malti u ħajruni naqleb għall-Malti mit-Taljan xi biċċa milli kienu qegħdin jagħtu bit-Taljan f'dak it-Tijatrin li jinsab qrib il-Knisja ta' Santa Katarina, u fis-27 ta' Mejju, 1934, saret *In-Nannu Kieli* (maqlub minn *Nonno Ercole* ta' Carlo Repossi bis-sensja tiegħu) b'suċċess kbir.

Wara dir-reċta, il-Għaqda Filodrammatika Maltija (li wara l-mewt tat-Tenur Malti Icilio Calleja, li kien ħabib kbir tiegħi, ħadet ismu biex tibqa' tfakkru lill-ġenerazzjonijiet ġejjiena) twaqqfet fuq sisien qawwija u baqgħet tagħti reċti oħra, bla nisa, dejjem b'suċċess, sakemm fit-28 ta' Frar, 1937, is-Sinjurina Linda Cassar Torreggiani aċċettat ġentilment li tieħu sehem fil-kummiedja ta' Karmnu Camilleri *Ġenn għall-bżonn*, u tkisser u teqred il-preġudizzju li l-palk Malti jista' jtabba' isem il-mara Maltija.

"Berritta ġġib lill-oħra, eċċ", igħid il-Malti; u wara s-Sinjurina Cassar Torreggiani ġew oħrajn, xi ħamsa, li bihom bdejna nagħtu l-isbaħ *pochades* tal-qatt minsi Mikiel Anġ. Borg, f'dak iż-żmien meta l-"Indipendenza" ta' Malta kienet magħduda minn M.A. Borg innifsu bħala mejta, u ta' dan raddli ħajr bis-sħiħ mhux biss bil-kliem imma wkoll fid-dediki li għamilli meta għoġbu jirregalani l-ġabra tal-bċejjeċ tijatrali tiegħu kollha.

U iżjed 'il quddiem bdejna nidħlu fil-għalqa sewwa u bdejna nissograw quddiem il-pubbliku Malti-Lixandrin—li kien imdorri jara biss, bħal ħutu ta' Malta u l-ibliet l-oħra ta' l-Eġittu, dawk l-antikalji li mhuma xejn adattati għaż-żminijiet tal-lum meta t-teknika taċ-ċinematografu jmissha fetħitilna għajnejna għal kollox—bċejjeċ moderni.

Tajna bċejjeċ tal-Kittieb Malti Giacinto Tua (*L-Aħħar tagħniqa*, *Lejlet il-Milied*, *Qtil bil-jedd?*, *It-Tewba*), u drammi patri-

jottiċi bħal *L-Akbar Imħabba*, *Il-Haraġ*, *Dejn Mardud*, tiegħi. Kif ukoll pochades ta' qawwa bħal: *Invenzjoni Meraviljuża*, *Żeza tal-Flagship*, *Il-Bugħawwieġ*, *Dik l-Affari*, *Fwieħet Marti*, eċċ. Imma l-akbar soddisfazzjon tagħna kien meta tajna b'suċċess kbir *Is-Sinjurina Marija* ("La Maestrina" ta' Niccodemi), *Id-Dubju* ta' Lucio d'Ambra, *Maskri tal-laħam* ("Maschere" ta' Bracco), eċċ.

Nistqarr bla biża' li l-mixi 'l quddiem fil-palk Malti sar f'Lixandra qabel ma sar f'Malta. Niftehmu tajjeb: Ir-reċtar bil-Malti.

Id-dilettanti tal-Għaqda Filodrammatika Maltija "Icilio Calleja" kienu ħafna u fosthom nixtieq insemmi lill-koppja Ange u Mary Grima, Fredu Gellel, Isidore Bereaud (Franċiż li kien jaf bil-Malti aktar mill-Maltin), l-aħwa Toni u Fredu Bajada, Albert Galea, l-aħwa Darmanin. Ange Grima, li wara li tlaqt jien laħaq Direttur f'loki, huwa imitatur mill-aħjar tal-qatt minsi Pawlu Saliba ta' l-"Indipendenza" ta' Malta, imma fl-istess waqt ġeneriku mill-aħjar u fis-Sinjurina Marija kien interpreta l-parti ta' Filippu b'mod mill-aħjar. Fredu Gellel, primattur żagħżugħ għamel ukoll suċċess kbir bħala tirann meta interpreta l-parti ta' *Macchia* fl-istess dramm u t-tifel fl-*Akbar Imħabba* tiegħi. Is-Sinjura Grima li fil-ħin li kienet primattriċi mill-aħjar ma kinetx tistmerr tagħmel partijiet ta' karatterista, għamlet dejjem suċċess kbir. Is-Sinjura Jeanette Esposito, u s-Sinjurini Silvja Silvio u Rożina Bereaud, u s-Sinjura Carmen Cassar u s-Sinjurina Ruggier li ma' ħuha Mikiel ħadu sehem ukoll f'partijiet ċkejknin, issoktaw igħinu lill-Filodrammatika biex ikollha dawk is-suċċessi li kellha ma' tul 12-il sena sħaħ.

Ma' tul il-gwerra nqalgħet ukoll bħal speċi ta' gwerra fost il-Maltin ta' Lixandra, u xi dilettanti qodma ta' l-"Unione Artistica Maltese" li kienet ilha mejta għal kollox 15-il sena, bdew iħabirku biex jerġgħu jirxuxtawha u nħolqot l-Għaqda Artistika Maltija. Magħhom ingħaqdu Albert Zahra, Ant. Luca u Antoine Fabre'. Fit-8 ta' Ġunju 1940, taw reċta fit-Tijatrin "Eschyle Arion *Giddieb li ma jistax jigdeb* miġjuba u tradotta għall-Palk Malti minn N.N. Fil-1.3.42 taw *Il-Halliel* u *L-Imbrolja tan-Neputi*, qlib ta' Ant. Luca, u fis-17 ta' Mejju 1942 taw *Oħt l-agħma* maqluba minn Arturu Cumbo, u *Ir-rigal ta' Baskal lill-għarusa tiegħu*, qlib ta' Ant. Luca.

Il-ħidma tal-Għ.A.M. imbagħad waqfet (kif waqfet ħafna dik tal-Għ.F.M.) u dan imħabba fil-gwerra u l-konsegwenzi tagħha (blakawt, rejdijiet, eċċ.), imma fit-22 ta' April 1945 reġgħet qamet xi ftit għax issieħbu magħha xi Maltin ta' Malta li kienu jinsabu f'Lixandra fit-Tarzna u taw fil-Lycée Francais il-kummiedja ta' Karmnu Camilleri *L-Erbgħa Rikkardi*. Il-Maltin ta' Malta kienu Toni Ghio, Manwel Zammit, Salvu Degabriele u Lorenzo Frendo, u ta' Lixandra Ant. Luca, Feliċ Bonello u s-Sinjurina Silvja Silvio.

Wara din ir-reċta nqala' xi taħwid bejn il-Membri tagħha u sehem minnhom li kienu jagħmlu sehem mill-Maltese Union Club waqqfu bħal sezzjoni ta' dan il-Każin biex jagħtu r-reċti għalkemm din is-sezzjoni ma kinetx uffiċjali u wara din l-ewwel reċta ma ħallewhomx jagħmlu oħra. Mela r-reċta waħdanija li saret kienet fl-10 ta' Ġunju, 1945, u taw *Ġentilhom fqir*, kummiedja soċjali miġjuba għall-Malti minn Ant. Fabre, u ħadu sehem fiha membri ta' l-Unione Artistica Maltese, xi dissenzjenti tal-Għ.F.M. "Icilio Calleja" u xi Maltin minn Malta. Ma rridx ninsa ngħid li mal-Għaqda Filod. Maltija "I.C." ukoll ħadu sehem xi Maltin ta' Malta, fosthom Ġużeppi Marija Pugliesevich B.E.M., li fost l-interpretazzjonijiet tassew tajbin tiegħu ta' min isemmi dik tal-primattur-di-parrukka fid-*Dubju* ta' d'Ambra.

Hekk kienet is-sitwazzjoni fit-13 ta' April, 1946, meta tlaqt l-Eġittu għal kollox biex biex narġa' lura Malta, b'tifkiriet kbar u sbieħ tal-ħidma tiegħi għall-Palk Malti fl-art tal-Faragħuni.

Il-Għaqda Filodrammatika Maltija "Icilio Calleja" kienet aktarx rieqda imma ħajja għal kollox, u waqt il-*Vermut d'honneur* li tawni u li fih ippreżentawli rigal li nibqa' ngħożżu sa l-aħħar ta' ħajti, ilmaħt lil Toni Luca, dilettant xiħ li minn mindu kienet qaflet il-bibien tagħha "L'Unione Artistica Maltese" baqa' dejjem bogħod minni. Il-preżenza tiegħu għamlitli l-qalb u tagħtini x'nittama li f'Lixandra ma jkunx hemm ħlief kumpannija filodrammatika waħda li jingħaqdu magħha d-dilettanti kollha u jsaħħuha kif jixirqilha.

Kif jista' jara biċ-ċar kull min jaqra dan l-artikolu, il-Maltin ta' Port Said, Kajr u Swejz ma mxewx 'il quddiem fil-għażla ta' produzzjonijiet u *producing* kif imxew x'uħud minn dawk ta' Lixandra. Dan qed ingħidu mhux biex illumhom għax naħseb li l-akbar ħtija hija tal-Maltin ta' Malta li tawhom eżempju ħażin.

B'danakollu, il-ġid li għamlu l-Maltin ta' barra—u dan il-ġid jibqa' dejjem siewi sakemm isiru reċti bil-Malti wkoll ta' stil li ma jgħoddx għal żmienna—huwa tassew kbir u jeħtieġ li jkun magħruf minn kulħadd u mifhum tajjeb, għax is-sagrifiċċji tad-dilettanti Maltin li jinsabu barra, kemm imħabba fiċ-ċokon tal-pubbliku mitluf fost eluf u eluf ta' barranin u li għadd kbir minnhom joqogħdu ħafna mili 'l bogħod miċ-ċentru tal-Belt fejn jinsabu t-Tijatri, u kif ukoll għan-nuqqas ta' produzzjonijiet (nista' ngħid li kull meta l-Maltin ta' Barra talbu xi produzzjonijiet minn Malta dawn bagħtulhom ħafna antikalji u b'hekk issoktaw iżommuhom lura flok għenuhom jimxu 'l quddiem), huma tassew kbar u n-nuqqasijiet tagħhom, huma x'inhuma, jeħtieġ ikunu magħdura u maħfura.

Jien daqshekk naf fuq il-Palk Malti barra minn Malta. Jekk xi ħadd jaf aktar minni huwa fid-dmir li jżid ma' dak li għidt jien dak li jaf huwa ħalli jibqa' mniżżel fl-istorja ta' Malta u l-letteratura tagħha u, sa fejn naf jien, ma hemmx imkien fejn jinkiteb aħjar minn f'"Il-Malti" li huwa l-organu uffiċjali tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

San Ġiljan, 14 ta' Lulju, 1946.

GHAQAL TA' MARA

SOMEREST MAUGHAN fil-ktieb tiegħu "The Summing Up" igħid li ommu kienet daqshekk sabiħa u missieru daqshekk ikraħ illi, fil-belt ta' Pariġi, kienu magħrufin il-waħda bħala "Sbuħija" (Beauty) u l-ieħor bħala "Bhima" (The Beast).

Darba waħda, jissokta jgħid l-Awtur, waħda ħabiba kbira t'ommu, is-sinjura Anglesey, qaltilha: "Inti daqshekk sabiħa u hawn daqshekk nies li jħobbuk x'inhu li bqajt hekk fidila ma' dak id-daqsxejn ta' raġel ikraħ li żżewwiġt?" U ommu weġbitha: "Dak qatt ma jiksirli qalbi."

p. P. T.